**APPENDIX B**

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POST TA' *SOCIAL WORKER* GĦAL-PROGRAMM "LENTI FUQ L-IŻVILUPP TA' WLIEDNA" FIL-MINISTERU GHALL-EDUKAZZJONI U X-XOGHOL**

**(Skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2016)**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Social Worker* għall-programm "Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna" fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

## 2.0 Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Social Worker* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fit-2016 huwa, €18,127.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €20,574.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* titla' fi Skala ta'Salarju 9 (€19,320.02x €447.33 - €22,004.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' *Social Worker* (Skala ta' Salarju 9) tiġi promossa għall-grad ta' *Social Worker* fi Skala 8 (€20,619.02 x €486.83 - €23,540.00) wara 8 snin servizz, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 *Social Workers* fi Skala ta' Salarju 8 li għandhom kwalifika ta' *Master's* f'Livell 7 tal-MQF relatata mas-*Social Work*, jibbenefikaw minn estensjoni fl-Iskala ta' Salarju fuq il-bażi tal-kwalifika tal-*Masters* u wara 12-il xahar fil-massimu tal-Iskala ta' Salarju 8, wara intervista u suġġett għal ħidma sodisfaċenti fil-grad. Il-persuna tibqa' żżomm l-grad ta' *Social Worker*. F'dawn iċ-ċirkostanzi titqiegħed fl-Iskala ta' Salarju 7. Meta tidħol fl-Iskala ta' Salarju 7, l-*allowance* tal-kwalifika stipulat fil-PSMC ma tibqax tingħata.

2.6 Is-salarju ta' *Social Worker* jista' jkun parzjalment finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja sa Diċembru, 2020. Minn hemm 'l quddiem (Jannar 2021), is-salarju jkun kopert minn Fondi Nazzjonali.

2.7 Il-ħatra, li hi suġġett għal perjodu ta' sena *probation*, suġġett li l-kandidat ma ġiex mlaħħaq skond it-termini tal-paragrafu 4.1 (iv) (li jitkellem fuq applikanti li m'għandhomx fil-pussess tagħhom il-*Warrant*), l-applikant hu suġġett għar-regoli u għar-regolazzjonijiet li jiddederminaw minn żmien għal żmien lis-Servizz Pubbliku ta' Malta in ġenerali u partikularment lill-MEDE u jinvolvi l-obbligu ta' trasferiment skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.8 Matul iż-żmien tal-prova l-persuna maħtura trid toqgħod għal fażi ta' introduzzjoni li matulha tingħata tagħrif intensiv mid-Dipartiment Servizzi għall-Istudenti (SSD) u tista' wkoll tiġi mitluba tattendi taħriġ organizzat minn entitajiet oħra mill-SSD.

**3.0 Dmirijiet u Responsabbiltajiet**

3. 1 Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Social Worker* mal-MEDE jinkludu:

- taqdi d-dmirijiet kollha ta' *Social Worker*;
- tagħmel assessjar tal-bżonnijiet tal-istudenti referuti lis-servizz permezz ta' viżti fid-dar, fl-iskola jew fl-uffiċju ;
- taħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-professjonisti Edukattivi Psiko-Soċjali li jaħdmu fi ħdan il-Kulleġġ, mal-amministrazzjoni tal-iskejjel, mad-Dipartiment Servizzi għall-Istudenti DES u ma' professjonisti oħra li jaħdmu f'entitajiet oħra tal-gvern, kif ukoll f'aġenziji mhux governattivi biex b'hekk jiżguraw l-aħjar użu tar-rżorsi għall-ġid tal-klijenti tiegħu ;
- tistabbilixxi u żżomm konnesjoni bejn l-iskola, id-dar u l-awtoritajiet edukattivi u tagħmel kwalunkwe xogħol ieħor marbut mal-kariga li l-*Project Leader* jista' jassenja;
- twassal interventi relevanti sabiex tassigura li l-bżonnijiet tat-tfal referuti jiġu milqugħa bil-għan li jkun hemm tibdil pożittiv fit-tul sabiex ittejjeb l-esperjenzi tal-ħajja tat-tfal vulnerabbli;
- taħdem sabiex iżżomm livelli ta' *standards* għoljin fil-prattika professjonali, taħdem il-ħin kollu għal aħjar interessi tat-tfal, filwaqt li tissugara li hemm assessjar ibbazat fuq evidenzi ċari u pjani ta' ħarsien tat-tfal f'każijiet meħtieġa ;
- iżżomm kuntatt regolari mal-uffiċju amministrattiv tas-Servizz tax-Xogħol Soċjali fi ħdan id-Dipartiment Servizzi għall-Istudent;
- tappoġġja u tgħin lit-tfal u l-adolexxenti li qed jiffaċjaw xi problemi fiżiċi, ambjentali, emozzjonali jew soċjali, b'hekk jgħinhom jieħdu l-benefiċċju sħiħ mill-edukazzjoni;
- tipparteċipa fi kwalunkwe xogħol ta' riċerka li jkun qed isir fil-qasam ta' *Social Work*;

- l-abbilta' li tuża mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni sabiex twettaq *social work* effettiv mat-tfa ;

- taqdi dmirijiet oħra jew xogħol ieħor b'konnessjoni max-xogħol ta' *Social Worker* kif rikjest mill-*Project Leader*;

- tagħmel xogħol ieħor skont l-esiġenzi tas-servizz kif mitlub mill-*Project Leader*;

- dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Aktar dettalji fuq dmirijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi għal Istudenti fuq numru tat-telefown 21243523.

3.3 Ir-rwol ta' *Social Worker* jesiġi primarjament li jitwettaq xogħol soċjali ta' valutazzjoni u ta' interventi effettivi mal-istudenti u l-familji tagħhom. Il-kandidati magħżula jridu jassiguraw li l-klijenti tagħhom jiġu provduti b'servizz ta' ħidma soċjali professjonali u effiċjenti permezz ta' *assessments* preċiżi kif ukoll interventi professjonali f'waqthom. Ir-responsabbiltajiet jinkludu ż-żamma ta' dokumentazzjoni meħtieġa, l-immaniġġjar ta' każijiet, il-kitba ta' rapporti, l-użu minn laqgħat dwar każijiet u reviżjoni ta' każijiet, biex jassigura li l-interventi jkunu ħolistiċi u integrati, konsultazzjonijiet, ħidma fi grupp, u interventi f'waqtiet ta' kriżi.

3.4 Is-*Social Worker* huwa mistenni li jikseb l-abbiltajiet meħtieġa u l-esperjenza sabiex ikun jista' jaħdem and jikkomunika b'mod effettiv ma' ;

- tfal b'diżabiltajiet kif ukoll lill-ġenituri tagħhom and membri oħra tal-familja;

- tfal li għal raġunijiet psiko-soċjali, ma jistgħux jibbenefikaw kompletament minn edukazzjoni formali;

- l-għalliema u membri oħra li mhumiex akkademiċi li għandhom bżonn xi parir u sapport;

- aġenziji u servizzi oħra u l-imjegati tagħhom

3.5 *Social Worker* hu meħtieġ li jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala parti mill-erbgħa u għoxrin siegħa (24) servizz tal-emerġenza mħaddem mid-DSE li flimkien man-natura tas-servizz ta' xogħol soċjali, jitlob skeda ta' ħin ta' xogħol flessibbli marbuta mal-ħtiġijiet tal-klijenti.

3.6 Il-persuna magħżula għandha l-obbligu li matul l-impjieg tagħha tibqa' intiża fl-iżvilupp ta' *issues* u prattika li jseħħu fix-Xogħol Soċjali kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta biex jinżamm livell professjonali għoli fis-servizz li jingħata. Għal dan il-għan, tista' tingħata l-opportunità għal programmi ta' taħriġ kontinwu, liema opportunitajiet għandhom jiġu aċċettati mill-applikant magħżul. Dan għandu jgħin biex jinżamm livell professjonali fis-servizz li jingħata.

3.7 Persuna fil-grad ta' *Social Worker* hija mistennija li tuża l-mezzi tat-trasport tagħha għax-xogħol tagħha. Hija tkun intitolata għall-*allowance* approvat.

3.8 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq id-doveri tagħha f'Għawdex.

**4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; **JEW**

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **JEW**

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **JEW**

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **JEW**

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-*Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) ikollhom fil-pussess tagħhom W*arrant* maħruġ mill-*Malta Social Work Profession Board;* **U**

(b) ikollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta f'livell 6 tal-MQF (dment li jkollhom minimu ta' 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem) fis-*Social Work*; **JEW**

(iv) ikollhom fil-pussess tagħhom il-kwalifika msemmija fil-paragrafu 4.1(iii)(b) hawn fuq, u li jkunu eliġibbli għall-*warrant* imsemmi f'paragrafu 4.1(iii)(a) hawn fuq, bil-kundizzjoni li ladarba jkunu temmew perjodu ta' ammont ta' mhux anqas minn sentejn (2) prattika professjonali *full-time* (jew l-ekwivalenti *part-time*), taħt superviżjoni ta' *Social Worker* bil-*warrant*, il-persuna magħżula tkun mistennija li tapplika għall-*warrant* ta' *Social Worker* u sakemm tingħata l-*Warrant* neċessarju, tkun fuq *probation* taħt superviżjoni;

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Applikanti li jgħaddu u li jkunu għadhom fl-aħħar sena ta' studji jkunu kunsidrati għall-ingaġġ meta l-ordni tal-mertu għall-kandidati li għaddew għall-post ta' *Social Worker* li għandhom il-kwalifika meħtieġa ġiet eżawrita, suġġett li l-applikant ġab il-kwalifika meħtieġa, u sakemm ikun għad hemm vakanza disponibbli.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post/pozizzjoni li l-persuna qed tapplika ghaliha (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6 Il-persuna magħtura li jkollha fil-pussess tagħha *warrant* kif stipulat f'paragrafu 4.1 (iii) u 4.1 (v) hawn fuq, maħruga mingħand il-*Malta Social Work Profession Board*, tingħata *allowance* mhux pensjonabbli ta' €1,000 fis-sena.

4.7 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.8 L-applikanti għandhom jinnominaw żewġ persuni indipendenti bħala *referees* li lesti jagħtu l-fehma tagħhom dwar l-applikanti. L-applikanti għandhom jitolbu lir-*referees* biex jiktbu b'mod kunfidenzjali direttament liċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Għażla, Post ta' *Social Worker* (*part-time, c/o* Customer Care, Bini tal-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana. Membri tal-Parlament ta' Malta, Membri tal-Parlament Ewropew, Kunsilliera Lokali, impjegati tas-Servizz Pubbliku u qraba tal-applikanti ma jikkwalifikawx biex jagħmluha ta' *referees.*

4.9 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

**5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun *uploaded* mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal: https://edurecruitment.gov.mt. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**6.0 Proċeduri tal-għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 100. Il-Kriterji tal-Assessjar jistgħu jinkisbu minn https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1-4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol relevant u ppruvata, fil-qasam ta' diżabilitá.

6.3 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

**7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-*Leave* (GP 47) aġġornata fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 27 ta'**

**Diċembru 2016**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet għandhom japplikaw għal GP 47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien ma' ir-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Kopja tinbagħat lill-applikant permez ta' e-mail u l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

## 8.0 Provvedimenti ġenerali oħra

8.1 Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/ regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta'dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq);
- żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx . Dawn il-provvedimenti ġenerali għadhom jitqiesu bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.